**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 11 ta' Marzu 2020.**

**Rikors nru: 205/2015**

**Michael Borg (ID 370180M)**
**vs**
**Charmaine Borg Caruana (ID 511980M)**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' Michael Borg datat 14 ta' Settembru 2015, fejn espona bir-rispett;**

1. Illi l-kontendenti zzewwgu f' Malta nhar id- 9 ta' Ottubru 2004, fil-Knisja Parrokkjali tal-Furjana u dana skont l-att taz-zwieg kopja ta' liema qed jigi hawn annessa u mmarkata Dok A.

2. Illi frott ta' dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, Jerome u Kyle ahwa Borg, nhar l-10 ta' Mejju 2007 u 2 ta' Marzu 2011 rispettivament, kopja ta' liema atti tat-twelid, qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok B u Dok C.

3. Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* ghal dan l-ahhar erba' xhur li matulhom **llum l-attrici sawret relazzjoni ma' terza persuna li jismu Taha Yassim** (enfasi tal-esponent) kif ser jigi muri tul il-kors u trattazzjoni ta' din il-kawza u dan bi ksur tal-**Artikolu 38 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici Civili).**

4. Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet premessi wara ittra ta' medjazzjoni li ggib **in-numru 772/2015** gie konkluz stante li l-medjazzjoni ma sehhietx permezz ta' digriet li jgib in-numru **1709/2015 AL** moghti minn Onorabbli Qorti ( sezzjoni Familja) nhar it- 13 ta' Lulju 2015, liema digriet awtorizza lill-partijiet sabiex jipprocedu gudizzjarjament u ghalhekk tnediet dil-kawza.

5. Illi l-istess konvenuta rrendiet il-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet impossibbli u dan minhabba li ghamlet minn kollox sabiex tirrendi il-hajja ta' bejniethom invivibbli u riedet issib skuza banali sabiex tinfired minn mar-ragel taghha u dan ghaliex l-istess konvenuta riedet tinseg relazzjoni mal-persuna surriferita u tikkometti **adulterju,** u ghalhekk **iz-zwieg tkisser irrimedjabilment unikament kagun tort tal-istess konvenuta** u ghaqdaqstant, ma hemm l-ebda prospett ragenevoli ghall-rikonciljazzjoni bejn l-partijiet.

6. Illi l-koppja Borg, li kienu sa ftit ilu qabel il-firda, *de facto,* jirrisjedu fid-dar matrimonjali, ta' Pauline Caruana li tigi omm Charmaine, u kien ilhom ma jkollhom relazzjonijiet intimi u dan ghaliex, il-mara kienet tkun trid lit-tfal jorqdu f'nofshom u dan kif ser jigi muri fil-kors tal-kawza.

7. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illum il-gurnata t-tfal ma jorqdux ma' ommhom izda man-nanna taghhom fil-waqt li Charmaine tkun qed torqod flimkien ma' **Taha Yassim** gol-kamra tas-sodda taghha, fi stat ta' konkubinagg ma' din il-persuna u bi ksur **tal-Artikolu 38 tal-Kap. 16 tal-ligjiet ta' Malta (Kodici Civili);**

8. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat li **Taha Yassim** huwa t-tifel ta' **Galib Yassim** u dan **tal-ahhar ghandu relazzjoni ma' Pauline Caruana** (enfasi tal-esponent) omm il-konvenuta, Charmaine. Kemm-il darba Pauline u Galib kienu mizzewwgin bir-rit Musulman u dan iz-zwieg jew spicca jew xort' ohra, il-koppja ma baqghux flimkien wara li kien sehh **attentat fuq il-pudur ta' Charmaine mwettaq minn Galib** (enfasi tal-esponent).

9. Illi ta' min izid li Galib Yassim, kien hedded lil Michael Borg, liema theddida kienet waslet sabiex proceduri kriminali ttiehdu quddiem il-Qorti tal-Magistrati, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

10. Illi Michael Borg gie konvint jitlaq mid-dar matrimonjali, minn Charmaine -liema dar kienet id-dar residenzjali tal-kunjata tieghu, omm il-konvenut- bil-pretiza li l-partijiet ikollhom zmien fejn setghu jirriflettu u r-relazzjoni ta' bejniethom terga' tinbet. Din pero' ma kienx xejn ghajr messa in xena li vvintat il-konvenuta Charmaine Borg, sabiex tehles mir-ragel taghha minn god-dar ta' ommha sabiex tkun libera tistabbilixxi rapport adulteru hawn fuq imsemmi ma' Taha Yassim;

11. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat li Charmaine Borg hi persuna li taf timmanipula n-nies, hija giddieba u persuna qarrieqa u li hija lesta li tghid dak li hi thoss huwa necessarju, sabiex tilhaq l-ghanijiet taghha, anke jekk dan isir bi hsara ta' min huwa qrib taghha;

12. Illi ghalhekk it-tfal qed jitrabbew f' ambjent li hija ta' natura hazina ghat-trobbija taghhom u certament kontra dak li jixtieq u jrid il-missier versu t-tfal tieghu, u dan fl-ahjar interess sopravenjenti taghhom;

13. Illi tant huwa moghni fuq l-interess tat-tfal tieghu, li sahansitra fl-assenza tad-digriet ghal kwantum ta' hlas tal-mantenimenti ghall-minuri Kyler u Jerome, Michael Borg, qed jaghmel hlasijiet regolarment fl-ahhar tax-xahar, li jammontaw ghal mitejn Ewro (Ewro 200), ghall-iskop ta' mantenimenti taghhom, eskluz spejjez ta' sahha u edukazzjoni, liema spejjez ghandhom jnqassmu fi kwoti daqs bejn il-partijiet. Charmaine Borg pero, qed tippretendi li Michael Borg ghandu jhallas kollox hu.

14. Illi minkejja l-adulterju ta' Charmaine Borg Caruana, hija interessata biss sabiex tara x' jirnexxilha takkwista mir-ragel taghha f' dak li jikkoncerna flus. Peress li Charmaine ma tahdimx, ma tantx jidher li trid tahdem, hija mohhha biss biex tara kemm ser tiehu manteniment tat-tfal certament biex din tuzah bhal flus ghaliha u mhux ghall-bzonnnijiet tat-tfal.

15. Illi Charmaine Borg, konsistentement titlob u trid li l-attur ihallas il-bzonnijiet kollha tat-tfal taghhom minghajr ma hi tikontribwixxi ebda sapport finanzjarju lejhom minkejja li hi persuna li tista' u kapaci tahdem (enfasi tal-esponent).

16. Illi minkejja li l-attur Michael Borg, qed ihallas il-manteniment regolarment, Charmaine Borg qed tichad l-access tat-tfal lil missierhom, liema azzjoni unilaterali min-naha taghha sahansitra qalet lill-Pulizija, li kienet gejja b' ordni tal-Avukat taghha, hekk skont kif jirrizulta minn rapport tal-Pulizija, kopja ta' liema rapport qed jigi hawn anness u mmarkat Dok D.

17. Illi l-konvenuta giet imwiddba mill-Pulizija ezekuttiva ghall-imgieba deplorevoli taghha fil-konfront tar-ragel Michael Borg, meta din cahditlu l-access tat-tfal;

18. Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur ghandu ragunijiet tajbin sabiex jemmen li l-konvenuta apparti l-fatt tghix fi stat ta' adulterju quddem it-tfal taghhom gewwa d-dar ta' ommha, u ghalhekk qed jigu esposti ghal ambjent mhux addattat u propizju ghalihom, qed ixxejjen lit-tfal kontra l-missier naturali taghhom.

19. Illi ghalhekk, minghajr pregudizzju ghal dak li ser jintalab aktar 'il quddiem fuq dan ir-rikors, l-attur jemmen li huwa necessarju li jinhatar Psikologu sabiex Kyler u Jerome, jigu minnu ezaminati u evalwati sabiex ssir determinazzjoni tal-kundizzjoni psikologika taghhom u barra minn hekk, li fil- fehma ta' din il-Qorti, ikun jista' jikkonstata l-ambjent li fih qeghdin jitrabbew it-tfal u dan sabiex dina l-Qorti, tkun tista' tiehu dawk il-mizuri kollha ghal protezzjoni taghhom.

20. Illi l-attur, irid li jigi fdat bil-kura u kustodja tal-minuri Kyler u Jerome, ghaliex jemmen li jkun fl-interess sopravenjenti taghhom, li jitnehhew mil-ambjent skwallidu li qed jghixu fih.

21. Illi minghajr pregudizzju u subordinatament, ghas-suepost, il-komunjoni tal-akkwsiti ezistenti bejn il-partijiet tikkonsisti fi:-

    a. Appartament li jinsab go Hal-Luqa, li inxtara mil-partijiet, kuntratt in atti tan-Nutar Pubbliku, Toni Abela, kopja ta' liema kuntratt ma kienetx pervenuta sal-prezentata ta' dan ir-rikors guramentat.

b. Appartament bin-numru 6 Blk 4, Lay Lay Complex, Triq l-Ghassies, Marsaskala, u l-garaxx numru 19, gewwa l-istess binja li inxtara mill-partijiet nhar il- 16 ta' Lulju 2003, permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Isabelle Gonzi, kopja ta' liema kuntratt qed jigi anness u mmarkat Dok. E;
c. Polza ta' assigurazzjoni mahruga favur l- kontendenti, mill-kumpanija assikuratrici;
d. Kontijiet bankarji f' isem iz-zewg partijiet;
e. Dejn gravanti l-istess komunjoni tal-akkwisiti mal-banek lokali, u kif ukoll ma' missier l-attur, kopja ta liema ftehim qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok F;

Ghaldaqstant, l-attur filwaqt li jaghmel referenza ghal kull prova prodotta fl-istadju opportun tas-smiegh tal-kawza, fl-ismijiet premessi kif ukoll kwaslsiasi dikjarazzjoni u prova ohra li jistghu jkunu produccibbli fi stadju aktar avvanzat tas-smiegh u kull sottomissjoni, maghmula mill-partijiet, umilment jitlob l-attur sabiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tippronunzja **s-separazzjoni personali** bejn il-partijiet konjugi, ghal ragunijiet premessi imputabbli lill-konvenuta, peress li z-zwieg tkisser irrimedjabilment u irrevokabilment u dan a tenur tal-**Artikolu 38 et seq tal-Kap. 16 (Kodici Civili) tal-Ligjiet ta' Malta** okkorendo billi tisma' ukoll it-tfal tal-kontendenti, bl-assistenza ta' perit psikologiku tat-tfal u konsegwentement;

2. Tapplika l-effetti tal-**artikolu 48 et seq** tal-Kodici Civili kontra l-konvenuta u favur l-attur; u konsegwentement tiddikjara illi l-konvenuta tilfet l-jeddijiet imsemmijin **fl-artikolu 631 u 663 tal-**

**Kodici Civili,** kif ukoll dak kollu li kienet kisbet b' donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew wara z-zwieg, jew b' titolu iehor, gratuwitu minghand l-attur, illi ghalhekk ghandu jigi ritornat lilu u tiddikjara inoltre illi l-konvenuta, tilfet ukoll kull jedd ghan-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti illi saru dan l-ahhar bil-hidma tal-attur wara d-data stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti, bhala d-data meta l-konvenuta rrendiet ruha hatja tal-firda, liema akkwisti ghandhom jibqghu kollha ghall-attur u ghal dal-iskop ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet **skont l-artikolu 3 tal-Kodici Civili.**

3. Minghajr pregudizzju u subordinatament ghall-ewwel u t-tieni talba, tiddikjara **xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b' effett immedjat** u tiddikjara xolta u tiddeciedi li l-konvenuta ddekadiet minn sehemha tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk dina l-Qorti ghandha tassenja interament favur l-attur u konsegwentement;

4. Tordna l-bejgh tal-assjem kollu tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti li ghandu jsir fi zmien qasir u perentorju li joghgobha l-istess Qorti, okkorrendo bil-hatra ta' Periti nominandi u konsegwentement;

5. Tordna li d-dejn gravanti l-komunjoni tal-akkwisti jinqata' mir-rikavat tal-bejgh tal-assi, kif mitlub fir-raba' talba, b'rizarciment favur l-attur ghall-ammonti minnu imhallsa ta' dejn kollu matul u wara s-separazzjoni *de facto* tal-kontendenti;

6. Tillikwida manteniment dovuti lill-minuri Kyler u Jerome ahwa Borg;

7. Konsegwmentament ghas-sitt talba, tordna lil-partijiet ihallsu dan il-manteniment fi kwoti indaqs bejniethom u;

8. Minghajr pregudizzju u subordinatament ghat-talbiet kollha precedenti tordna li l-kura u kustodja tal-minuri Jerome u Kyler Borg, tigi fdata lil Michael Borg stante li huwa dik il-persuna, fost il-mizzewwgin li ghandu jigi rikonoxxut bhala l-aktar addattat u idoneju sabiex jikkurahom u jedukahom u / jew alternattivament;

9. Minghajr pregudizzju u subordinatament, ghat-tmien talba taghti dawk il-provvedimenti kollha, opportuni dwar l-access mill-genituri fl-interess sopravenjenti tal-minuri.

**Il-Qorti rat ir-risposta guramentata ta' Charmaine Borg Caruana** datata 3 ta' Ottubru 2015;

1. Illi preliminarjament, jinghad li dawn il-proceduri ghandhom jinstemghu flimkien mal-proceduri l-ohrajn fl-ismijiet inversi bin-numru 129/2015 quddiem Onor. Imhallef Robert G. Mangion li, huma attwalment differiti ghas-26 ta' Ottubru 2015 u dan stante li f' dawk il-proceduri l-esponenti qed titlob inter alia s-separazzjoni personali mill-attur ghall-fatti attribwiti solament lilu. Ghalhekk, ukoll minhabba l-ekonomija tal-gudizzju, dan il-proceduri ghandhom jinstemghu flimkien.

2. Illi t-talbiet attrici huwa nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-premessi indikati fir-rikors promotur huwa totalment invertieri.

3. Illi l-premessa innumerata 3, li tirrigwarda xi relazzjoni ma' Taha Yassimhija totalment infondati u dan kif jaf ben tajjeb l-istess attur. Dan

Taha Yassmin huwa t-tifel tal-eks ragel ta' omm l-esponenti u ma hemm ebda relazzjoni kif irid ifisser a tenur tal-artikolu 38 Tal-Kap. 16, tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad ukoll li l-attur jaf ben tajjeb li dan mhux minnu u l-esponenti sejra tieghu kull pass necessarju stante li dan ir-rikors, huwa wiehed guramentat. L-esponenti ma ghandha ebda relazzjoni ma' din il-persuna, hija mpenjata biss tiehu hsieb it-tfal tal-kontendenti.

4. Illi ma kien hemm l-ebda adulterju da parti tal-esponenti, izda kien l-istess attur li kisser din ir-relazzjoni u dan minhabba agir tieghu kemm bhala ragel tal-esponenti, kif ukoll missier. Jinghad li l-attur ghandu problema ta' pornografija anzi huwa ossessjonat bl-istess, tant li inkixef mat-tfal minuri tieghu waqt, li kien qed jara dat-tip ta' materjal.

5. Illi assolutament mhux minnu li r-relazzjoni intimi bejn il-partijiet, spiccaw minhabba l-esponenti, izda l-attur kien ilu snin qabel it-twelid tal-ewwel tifel ma jrid ikollu relazzjoni intima mal-esponenti u dan ghaliex kien sodisfatt, biss bil-materjal pornografiku, li hija l-fissazzjoni tieghu.

6. Illi ghal dak li jikkoncerna l-premessa numru 7 tar-rikors promutur, Taha Yassim qatt ma raqad god-dar fejn qed tirrisjedi l-esponenti u dan kif ampjament, jista' jigi ppruvat mill-istess Taha Yassim. Ma hemm l-ebda konkubinagg, kif qed jittanta jissuggerixxi l-istess attur. Ghal darba ohra, jinghad li dawn huma l-allegazzjonijiet totalment invertieri f'rikors guramentat.

7. Illi dak kollu kontendenti Galib Yassim huwa totalment irrelevanti ghall-vertenza odjerna.

8. Illi ghal dak li jikkoncerna l-premessa numru 11, huwa l-attur li qed juri fir-rikors guramentat l-gideb sfaccat tieghu.

9. Illi ghal dak li jikkoncerna l-premessa numru 13, certament il-fatt li l-attur ihallas manteniment ghal ammont ta’ 200 Ewro ghal zewg minuri ma jitfa’ l-ebda dawl posittiv versu l-istess, wara kollox huwa l-missier ta’ dan il-minuri. Dan huwa dmiru anzi jmissu jaf, jew ahjar jinghata parir li skont gurisprudenza, ammont ta’ 200 Ewro, ghal zewg minuri huwa totalment insuficcjenti!

10. Illi dwar il-premessa nnumerata 16. Jinghad li daqs kemm ma jezistix digriet dwar manteniment lanqas jirrizulta li hemm digriet dwar access. Hija ppruvat tiehu it-tfal ghand l-attur, izda huma ma humiex qed juru hegga sabiex imorru u dan kif, jekk il-Qorti thoss li huwa utili li tista’ tisma’ lill-istess minuri.

11. Dwar premessa nnumerata 8, jinghad li t-tfal minuri, jridu li ma jkollhomx ebda relazzjoni mal-attur. Fil-fatt Jerome qatt ma kellu relazzjoni mal-missier u jigi mfakkar li dan Jerome ra lil missieru juza’ materjal pornografiku fuq il-computer;

12. Illi dwar premessa 19, l-esponenti ma ghandix oggezzjoni li jinhatar psikologu jew espert a spejjez tal-attur.

13. Illi dwar premessa numru 20, l-esponent toggezzjona bil-qawwa kollha, li l-attur ikollu l-kura u l-kustodja tat-tfal ghaliex ma huwiex missier idoneju. Ma huwiex minnu li jezisti, xi ambjent skwallidu fejn attwalment jirrisjedu t-tfal.

14. Illi l-esponenti taqbel li tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti hekk kif diga’ mitlub fil-proceduri riferuti fl-ewwel eccezzjoni ta’ din ir-risposta guramentata.

15. Illi l-esponenti taqbel li tigi pronunzjata s-separazzjoni minn mal-attur, izda dan ghal ragunijiet totalment imputabbli lilu.

16. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li dina l-kawza mixja mal-kawza fl-ismijiet inversi **Charmaine Borg Caruana vs Michael Borg Rik.Nru. 179/15** u l-provi hemm migbura huwa adottati ghal dan il-kaz ukoll.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' t-talba attrici in parte minhabba li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' adulterju.

2. Tichad it-tieni talba attrici ghar-ragunijiet imsemmija fil-kawza fl-ismijiet inversi **Charmaine Borg Caruana vs Michael Borg Rik.Nru. 179/15.**

3. Tilqa' t-tielet talba attrici in parte u xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti kif decizi fil-kawza fl-ismijiet inversi **Charmaine Borg Caruana vs Michael Borg Rik.Nru. 179/15**, izda tichad it-talba ghad-dekadenza.

4. Tilqa' r-raba' talba hekk kif gie deciz fil-kawza fl-ismijiet inversi **Charmaine Borg Caruana vs Michael Borg Rik.Nru. 179/15** u tinnomina lill-perit Godwin Abela biex jaghmel valutazzjoni tad-dar matrimonjali sabiex tinbiegh.

5. Tichad il-hames talba ghar-ragunijiet kif dedotti fis-sentenza fl-ismijiet inversi **Charmaine Borg Caruana vs Michael Borg Rik.Nru. 179/15.**

6. Tilqa’ s-sitt talba attrici u tordna l-hlas ta’ manteniment kif deciz fis-sentenza fl-ismijiet inversi **Charmaine Borg Caruana vs Michael Borg Rik.Nru. 179/15.**

7. Tichad is-seba’ talba stante dak fuq deciz fis-sitt talba.

8. Tichad it-tmien talba attrici.

**9.** Tilqa’ d-disa’ talba attrici u tordna li l-access ghall-attur jigi ezercitat kif deciz fil-kawza fl-ismijiet inversi **Charmaine Borg Caruana vs Michael Borg Rik.Nru. 179/15.**

L-ispejjes ghandhom jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**